## PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Ġuramentat Nru **43/2022 AJD**

## NATALIE MARY LOUISE VELLA WRIGHT (K.I. 298201L)

**VS**

## EMANUEL BALDACCHINO & CO. LIMITED (C 44700)
## U
## EMANUEL BALDACCHINO (K.I. 368682M)

**F'ISMU PERSONALI QUA GARANTI *IN SOLIDUM* MA' EMANUEL BALDACCHINO & CO. LIMITED (C 44700)**

**Seduta ta' nhar il-Tlieta, 29 ta' Marzu 2022**

**Il-Qorti**:

1. Din hija sentenza finali wara talba għall-ħlas ta' somma rappreżentanti ħlas dovut skont iż-żewġ kuntratti ta' kostituzzjoni ta' debitu insinwati bin-numru 19660/2020 u 19661/2021 u datati l-ewwel (1) t'Ottubru 2020 rispettivament, magħmula mir-rikorrenti Natalie Mary Louise Vella Wright permezz ta' rikors ġuramentat preżentat fit-tmintax (18) ta' Jannar 2022 ai termini tal-Artikoli 167 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

**Preliminari**

2. Permezz ta' rikors ġuramentat preżentat fit-tmintax (18) ta' Jannar 2022, Natalie Mary Louise Vella ikkonfermat bil-ġurament tagħha u ppremettiet kif isegwi:

    a. Illi l-intimati huma debituri solidament bejniethom fil-konfront tar-rikorrenti fl-ammont intier ta` ħamsa u sittin elf, tliet mija u wieħed u disgħin Ewro u tmenin ċenteżmu (€65,391.80) rappreżentanti dejn ċert, likwidu u dovut mill-intimati debituri lir-rikorrenti skont żewġ kuntratti ta' kostituzzjoni ta' debitu t-tnejn datati l-ewwel (1) t'Ottubru 2020;

    b. Illi jirriżulta li permezz ta' ftehim ta' kostituzzjoni ta' debitu datat l-ewwel (1) t'Ottubru 2020, (minn issa 'l quddiem *"l-Ewwel Ftehim"*) fl-atti tan-Nutar Dottor Matthew Agius insinwat bin-numru 19660/2020, l-intimati debituri kkonfermaw illi r-rikorrenti kienet għamlet depożitu ta' sittin elf Ewro (€60,000) favur tagħhom, u sussegwentement ikkonfermaw illi kellhom iħallsu lura l-ammont globali ta' ħamsa u tletin elf, disa' mija u wieħed u erbgħin Ewro (€35,941) lir-rikorrenti, liema ammont kellu jitħallas f'pagamenti mensili fuq perjodu ta' tliet (3) snin, in kwantu għall-ammont ta' erbgħa u għoxrin elf Ewro (€24,000) rappreżentanti r-rimanenti bilanċ ta' dejn, u in kwantu għall-ammont ta' ħdax-il elf disa' mija u wieħed u erbgħin Ewro (€11,941) rappreżentanti l-interessi legali bir-rata ta' tmienja (8) fil-mija fuq l-ammont oriġinali dovut ta' sittin elf Ewro (€60,000) mis-sitta (6) t'April tas-sena elfejn u tmintax (2018) sat-tletin (30) ta' Settembru tas-sena elfejn u għoxrin (2020), flimkien mal-interessi legali bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) kull sena fuq il-bilanċ t'erbgħa u għoxrin elf Ewro (€24,000) sad-data tal-effettiv pagament;

    c. Illi fl-istess ftehim, l-intimati debituri kkonfermaw li l-imsemmi ammont ta' ħamsa u tletin elf, disa' mija u wieħed u erbgħin Ewro (€35,941) huwa dejn ċert, likwidu u dovut a favur tar-rikorrenti, u konsegwentement iddikjaraw illi l-ipoteka speċjali mogħtija mill-intimati

a favur tar-rikorrenti b'iskrizzjoni numru 9571/2018 għandha tibqa' fis-seħħ u valida fil-Liġi;

d. Illi skont il-proviso ta' klawzola 'C' (i) f'paġna ħamsa tal-Ewwel Ftehim, ġie miftiehem illi jekk l-intimati debituri jonqsu milli jħallsu żewġ pagamenti mensili konsekuttivi, l-istess intimati jitilfu l-benefiċċju taż-żmien, u l-ammont rimanenti jkun dovut immedjatament, bl-ogħla interessi mogħtija mil-Liġi mid-data tan-nuqqas ai termini tal-Ftehim;

e. Illi l-intimati debituri baqgħu morużi fil-ħlas tal-pagamenti rispettivi għax-xhur konsekuttivi ta' Marzu, April, Mejju, Ġunju, Lulju, Awwissu, Settembru, Ottubru, Novembru u Diċembru 2021;

f. Illi r-rikorrenti ppruvat diversi drabi sabiex tinterpella lill-intimati sabiex iħallsu l-pagamenti rispettivi għax-xhur konsekuttivi ta' Frar, Marzu, April, u Mejju 2021,  u dan inkluż bl-ittra ġudizzjarja numru 2341/21 datata 4 ta' Ġunju 2021, liema ittra ġudizzjarja ntbagħtet a tenur tat-tieni poviso ta' klawsola "C" (i), liema proviso jispeċifika mandatorjament li *"the debtors shall be in default should they receive notice of such default through a judicial letter sent by the creditor, and remain so in default after fifteen (15) days from when the debtors are notified with such judicial letter"*;

g. Illi r-rikorrenti għamlet żewġ tentattivi sabiex tinnotifika l-intimati bl-imsemmija ittra ġudizzjarja, iżda rriżulta illi ma fetaħ ħadd, inkluż meta l-ittra ġudizzjarja ntbagħtet għan-notifika wara l-ħin legali;

h. Illi għalhekk, ir-rikorrenti ppreżentat rikors b'talba lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex jogħġobha tawtorizza lir-rikorrenti tinnotifika lill-intimati bil-proċedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni, liema talba ġiet milqugħa, u sussegwentement, l-intimati ġew notifikati permezz tal-Gazzetta tal-Gvern datata 5 t'Ottubru 2021, u sussegwentement ġew notifikati wkoll permezz tal-pubblikazzjoni fil-gazzetta *L-Orizzont* datata 10 ta' Novembru 2021;

i. Illi waqt il-proċedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni, irriżulta li l-intimati debituri ħallsu l-pagament għax-xahar ta' Frar 2021, iżda minkejja l-interpellazzjonijiet tar-rikorrenti, inkluż l-interpellazzjoni permezz tal-proċedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni, l-intimati debituri baqgħu inadempjenti għall-pagamenti rispettivi għax-xhur konsekuttivi ta' Marzu, April, Mejju, Ġunju, Lulju, Awwissu, Settembru, Ottubru, Novembru u Diċembru 2021;

j. Illi għaldaqstant, l-ammont rimanenti li hu dovut skont il-ftehim ta' kostituzzjoni ta' debitu numru 19660/2020 jammonta għal tnejn u tletin elf, sitt mija u ħamsa u disgħin Ewro u disgħin ċenteżmu (€32,695.90) liema ammont huwa dejn ċert, likwidu u dovut u fir-rigward ta` liema, sa fejn taf ir-rikorrenti, l-intimati Emanuel Baldacchino & Co. Limited u Emanuel Baldacchino m'għandhomx eċċezzjonijiet validi fil-liġi xi jressqu;

k. Illi permezz ta' ftehim iehor ta' kostituzzjoni ta' debitu datat l-ewwel (1) t'Ottubru 2020 (minn issa 'l quddiem *"it-Tieni Ftehim"*) fl-atti tan-Nutar Dottor Matthew Agius insinwat bin-numru 19661/2020, l-intimati debituri kkonfermaw illi r-rikorrenti kienet għamlet depożitu ta' sittin elf Ewro (€60,000), u sussegwentement ikkonfermaw illi kellhom iħallsu lir-rikorrenti lura l-ammont globali ta' ħamsa u tletin elf, disa' mija u wieħed u erbgħin Ewro (€35,941), liema ammont kellu jitħallas f'pagamenti mensili fuq perjodu ta' tliet (3) snin, in kwantu għall-ammont ta' erbgħa u għoxrin elf Ewro (€24,000) rappreżentanti r-rimanenti bilanċ ta' dejn, u in kwantu għall-ammont ta' ħdax il-elf disa' mija u wieħed u erbgħin Ewro (€11,941) rappreżentanti l-interessi legali bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fuq l-ammont oriġinali dovut ta' sittin elf Ewro (€60,000) mis-sitta (6) t'April tas-sena elfejn u tmintax (2018) sat-tletin (30) ta' Settembru tas-sena elfejn u għoxrin (2020), flimkien mal-interessi legali bir-rata ta' tmienja (8) fil-mija kull sena fuq il-bilanċ t'erbgħa u għoxrin elf Ewro (€24,000) sad-data tal-effettiv pagament;

l. Illi fl-istess Tieni Ftehim, l-intimati debituri kkonfermaw li l-imsemmi ammont ta' ħamsa u tletin elf, disa' mija u wieħed u erbgħin Ewro (€35,941) huwa dejn ċert, likwidu u dovut a favur ir-rikorrenti, u konsegwentement iddikjaraw illi l-ipoteka specjali li diġa` kienet maħruġa mir-rikorrenti kontra l-intimati b'iskrizzjoni numru 9571/2018 għandha tibqa' fis-seħħ u valida fil-Ligi;

m. Illi skont il-proviso ta' klawzola 'C' (i) f'paġna ħamsa tat-Tieni Ftehim, ġie miftiehem illi jekk l-intimati debituri jonqsu milli jħallsu żewġ pagamenti mensili konsekuttivi, l-istess intimati jitilfu l-benefiċċju taż-żmien u l-ammont rimanenti jkun dovut immedjatament, bl-ogħla interessi permessi mill-Liġi mid-data tan-nuqqas ai termini tat-Tieni Ftehim;

n. Illi l-intimati debituri baqgħu morużi fil-ħlas tal-pagamenti rispettivi għax-xhur konsekuttivi ta' Marzu, April, Mejju, Ġunju, Lulju, Awwissu, Settembru, Ottubru, Novembru u Diċembru 2021;

o. Illi r-rikorrenti ppruvat diversi drabi sabiex tinterpella lill-intimati biex iħallsu l-pagamenti rispettivi għax-xhur konsekuttivi ta' Frar, Marzu, April u Mejju 2021, u dan inkluz bl-ittra ġudizzjarja numru 2342/21 datata 4 ta' Ġunju 2021, liema ittra ġudizzjarja ntbagħtet a tenur tat-tieni poviso ta' klawsola "C" (i), liema proviso jispeċifika mandatorjament li *"the debtors shall be in default should they receive notice of such default through a judicial letter sent by the creditor, and remain so in default after fifteen (15) days from when the debtors are notified with such judicial letter"*;

p. Illi r-rikorrenti għamlet żewġ tentattivi sabiex tinnotifika l-intimati bl-imsemmija ittra ġudizzjarja, iżda rriżulta illi ma fetaħ ħadd, inkluż meta l-ittra ġudizzjarja ntbagħtet għan-notifika wara l-ħin legali;

q. Illi għalhekk ir-rikorrenti ppreżentat rikors b'talba lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex jogħġobha tawtorizza lir-rikorrenti tinnotifika lill-intimati bil-

proċedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni, liema talba ġiet milqugħa, u sussegwentement, l-intimati ġew notifikati permezz tal-Gazzetta tal-Gvern datata 14 ta' Settembru 2021, u sussegwentement ġew notifikati wkoll permezz tal-pubblikazzjoni fl-*Orizzont* u *Malta Today* datati 10 ta' Novembru 2021 rispettivament;

r. Illi waqt il-proċedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni rriżulta li l-intimati debituri ħallsu l-pagament għax-xahar ta' Frar 2021, iżda minkejja l-interpellazzjonijiet tar-rikorrenti, inkluż l-interpellazzjoni permezz tal-proċedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni, l-intimati debituri baqgħu inadempjenti għall-pagamenti rispettivi għax-xhur konsekuttivi ta' Marzu, April, Mejju, Ġunju, Lulju, Awwissu, Settembru, Ottubru, Novembru u Diċembru 2021;

s. Illi għaldaqstant l-ammont rimanenti li hu dovut skont il-ftehim ta' kostituzzjoni ta' debitu numru 19661/2020 jammonta għal tnejn u tletin elf, sitt mija u ħamsa u disgħin Ewro u disgħin ċenteżmi (€32,695.90), liema ammont huwa dejn ċert, likwidu u dovut u fir-rigward ta` liema, sa fejn taf ir-rikorrenti, l-intimati Emanuel Baldacchino & Co. Limited u Emanuel Baldacchino m'għandhomx eċċezzjonijiet validi fil-liġi xi jressqu;

t. Illi minkejja li l-intimati kienu debitament notifikati skont il-liġi u a tenur tal-Ewwel Ftehim u t-Tieni Ftehim, l-intimati baqgħu morużi fil-ħlas;

u. Illi kemm l-Ewwel Ftehim u t-Tieni Ftehim jistipolaw li jekk id-debituri intimati *"fail to pay two consecutive payments in terms of the payment scheme outlined in the preceding clause, the debtors will lose the benefit of time granted to them by the Creditor on this deed and the whole remaining amount will become due immediately to the creditor and interest at the highest rate allowed by law will accrue from date of default in terms of this Agreement";*

v. Illi l-intimati debituri tilfu l-benefiċċju taż-żmien u l-ammont sħiħ ta' ħamsa u sittin elf, tliet mija u wieħed u disgħin Ewro u tmenin centeżmu (€65,391.80), rappreżentanti pagamenti rimanenti dovuti skont iż-żewġ kuntratti ta' kostituzzjoni ta' debitu insinwati bin-numru 19660/2020 u 19661/2021 rispettivament, liema ammont hu dejn ċert, likwidu u dovut, hu dovut in toto lir-rikorrenti;

w. Illi l-intimati Emanuel Baldacchino & Co. Limited u Emanuel Baldacchino m'għandhomx eċċezzjonijiet validi fil-liġi x'jagħtu fil-konfront tal-istess;

x. Illi l-esponenti rikorrenti taf b'dawn il-fatti personalment;

y. Illi għalhekk kellha ssir din il-kawza;

Għaldaqstant l-attriċi talbet lil din il-Qorti sabiex:

i. Tipproċedi bid-dispensa tas-smigħ tal-kawża a tenur l-artikolu 167 *et sequitur* tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta` Malta;

ii. Tiddikjara li Emanuel Baldacchino & Co. Limited u Emanuel Baldacchino huma *in solidum*, veri, ċerti u likwidi debituri tar-rikorrenti fis-somma ntiera ta` ħamsa u sittin elf, tliet mija u wieħed u disgħin Ewro u tmenin ċenteżmu (€65,391.80), fi ħlas dovut skont iż-żewġ kuntratti ta' kostituzzjoni ta' debitu insinwati bin-numru 19660/2020 u 19661/2021 u datati l-ewwel (1) t'Ottubru 2020 rispettivament;

iii. Tikkundanna lil Emanuel Baldacchino & Co. Limited u Emanuel Baldacchino in solidum bejniethom iħallsu lir-rikorrenti s-somma globali ta' ħamsa u sittin elf, tliet mija u wieħed u disgħin Ewro u tmenin ċenteżmu (€65,391.80) fi żmien qasir u perentorju;

iv. Bl-imgħaxijiet legali dovuti mill-31 ta' Marzu 2021 sad-data tal-pagament effettiv, kif ukoll l-ispejjeż legali u ġudizzjarji ta' din il-kawża, kif ukoll tal-ittra ġudizzjarja numru 2341/2021 fl-ammont ta' €262.30 u tal-ittra ġudizzjarja 2342/2021 fl-ammont ta' €262.30 kontra l-intimati Emanuel Baldacchino & Co. Limited u Emanuel Baldacchino in solidum.

**Il-Qorti**

3. Rat ir-rikors ġuramentat u d-dikjarazzjoni tal-fatti tal-attriċi tat-tmintax (18) ta' Jannar 2022;

4. Rat id-dokumentazzjoni kollha annessa mal-istess rikors ġuramentat, u cioe: kopja tal-kuntratt ta' Kostituzzjoni ta' Debitu insinwat numru 19660/2020 (**Dok A**), kopja tal-ipoteka speċjali numru 9571/2018 (**Dok B**), kopja legali tal-ittra uffiċjali numru 2341/21 (**Dok C**), kopja tal-Gazzetta tal-Gvern datata 5 t'Ottubru 2021 (**Dok D**), kopja tal-Gazzetta '*L-Orizzont'* datata 10 ta' Novembru 2021 (**Dok E**), kopja tal-kuntratt ta' Kostituzzjoni ta' Debitu insinwat numru 19661/2020 (**Dok F**), kopja legali tal-ittra uffiċjali numru 2342/21 (**Dok G**), kopja tal-Gazzetta tal-Gvern datata 14 ta' Settembru 2021 (**Dok H**), kopja tal-Gazzetti '*L-Orizzont'* u '*Malta Today'* datati 10 ta' Novembru 2021 (**Dok I**), kopja tal-irċevuti ta' spejjeż tar-Reġistru tal-Qorti Ċivili (**Dok J**), affidavit bil-lingwa Ngliża tar-rikorrenti Natalie Mary Louise Vella Wright (**Dok K**) u traduzzjoni relattiva bil-Malti tal-affidavit tar-rikorrenti Natalie Mary Louise Vella Wright (**Dok L**);

5. Reġgħet rat id-digriet ta' din il-Qorti stess tal-ħamsa u għoxrin (25) ta' Jannar 2022 illi permezz tiegħu din il-kawża ġiet appuntata għas-seduta tal-ħdax (11) ta' Frar 2022, u l-intimati ġew ordnati sabiex jidhru f'dik il-ġurnata u jwieġbu għat-talba tar-rikorrenti. Il-Qorti ddikjarat illi, fin-nuqqas, hija kienet sejra tgħaddi biex tiddeċiedi minnufih il-kawża billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti;

6. Rat il-verbal tas-seduta tal-ħdax (11) ta' Frar 2022 fejn il-kawża tħalliet għan-notifika tal-konvenuti, u l-Qorti awtorizzat lill-attriċi sabiex wara li jsiru t-tentattivi kollha skont il-liġi, tinnotifika lill-konvenuti wara l-ħin legali u mbagħad bil-proċedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern u f'gazzetta lokali waħda;

7. Rat illi waqt is-seduta tal-lum, disgħa u għoxrin (29) ta' Marzu 2022, il-konvenuti, minkejja debitament notifikati bir-rikors ġuramentat, bid-dikjarazzjoni maħlufa, u bid-dokumenti esebiti ai termini tal-Artikoli 168, 169 u 169A tal-Kap 12, għalkemm imsejħa diversi drabi, baqgħu kontumaċi u ma dehrux, u dan kif imniżżel saħansitra fil-verbal tas-seduta tal-lum stess;

8. Rat l-Artikolu 170(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

9. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet Legali**

10. Fl-ewwel lok, f'dak illi jirrigwarda l-**ewwel talba** tal-attriċi, il-Qorti tinnota illi kien minħabba illi l-konvenuti kienu għadhom ma ġewx notifikati bir-rikors ġuramentat illi ma ngħatatx sentenza waqt is-seduta tal-ħdax (11) ta' Frar 2022 u l-kawża ġiet differita għas-seduta tal-lum, disgħa u għoxrin (29) ta' Marzu 2022. Peress illi jidher illi l-konvenuti ġew debitament notifikati bil-proċedura t'affissjoni u pubblikazzjoni, u in konsiderazzjoni tal-fatt illi s-sentenza qiegħda effettivament tingħata waqt is-seduta tal-lum, din il-Qorti **sejra tikkonsidra l-ewwel talba sorvolata**;

11. F'dak illi jirrigwarda t-**tieni talba** tal-attriċi, din il-Qorti tissenjala illi l-Artikolu 170(1) tal-Kap 12 jistabbilixxi illi:

> ***Jekk il-konvenut jibqa' kontumaċi***, *jew, jekk jidher, ma jopponix bħala mhix regolari jew li ma tgħoddx għall-każ, il-*

> *proċedura li biha nqeda l-attur, inkella, jekk jagħti din l-eċċezzjoni u ma tiġix milqugħa, ma jagħtix prova, bil-ġurament tiegħu, jew xort'oħra, li fil-fehma tal-qorti tkun biżżejjed biex turi li għandu eċċezzjonijiet prima facie, fil-liġi jew fil-fatt xi jġib kontra l-meritu tal-azzjoni, jew xort'oħra ma jġibx fatti jew punti ta' liġi li jistgħu jitqiesu li jkunu biżżejjed biex jagħtuh il-jedd li jopponi t-talba jew li jagħmel kontro-talba,* ***il-qorti tiddeċiedi minnufih il-kawża, billi tilqa' t-talba tal-attur.*** *Il-konvenut jista' jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu biex jattakka l-proċedimenti magħmula mill-attur bħala mhux regolari jew li ma jgħoddux għall-każ permezz ta' nota li tiġi preżentata fir-reġistru tal-qorti jew fl-udjenza.*[1]

12. Il-Qorti tinnota illi:

   a. Il-konvenuti ġew debitament notifikati bir-rikors ġuramentat u d-dokumenti relattivi għall-kawża odjerna bil-proċedura tal-pubblikazzjoni u affissjoni;

   b. Minkejja debitament notifikati, baqgħu ma kkontestawx u m'opponewx it-talba skont il-fakulta' mogħtija lilhom mil-liġi;

   c. In oltre, minkejja debitament notifikati u għalhekk konxji tal-fatt illi l-kawża kienet skedata għas-smigħ, naqsu milli jattendu, jew milli, mill-inqas, jibagħtu lir-rappreżentant legali tagħhom sabiex jagħti lil din il-Qorti raġuni għall-assenza tagħhom;

   d. **Konsegwentement, ai termini tal-Artikolu 170(1) tal-Kap 12 kif riprodott aktar 'il fuq, il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talbiet tal-attriċi;**

13. Għal kull buon fini, din il-Qorti tqis illi:

[1] Emfasi miżjuda.

a. Ġie sodisfaċentement pruvat li l-attriċi hija debitriċi tal-konvenuti fl-ammont ta' ħamsa u sittin elf, tliet mija u wieħed u disgħin Ewro u tmenin ċenteżmu (€65,391.80) rappreżentanti ħlas dovut skont iż-żewġ kuntratti ta' kostituzzjoni ta' debitu insinwati bin-numri 19660/2020 u 19661/2020 rispettivament, it-tnejn datati l-ewwel (1) ta' Ottubru 2020 (vide **Dok A** u **Dok F** rispettivament, annessi mar-rikors ġuramentat);

b. Ġie sodisfaċentement pruvat il-fatt illi l-konvenuti naqsu milli jħallsu lir-rikorrenti l-istess ammont ta' ħamsa u sittin elf, tliet mija u wieħed u disgħin Ewro u tmenin ċentezmu (€65,391.80), u dan kemm mir-rikors ġuramentat innifsu, kif ukoll mill-affidavit ta' **Natalie Mary Louise Vella Wright** (vide **Dok K u Dok L** annessi mar-rikors ġuramentat);

c. Il-pretensjoni tar-rikorrenti ma ġietx kontestata mill-intimati minkejja illi ngħataw minn din il-Qorti l-possibilta' kollha mogħtija lilhom mil-liġi sabiex jagħmlu dan;

14. In vista tal-premess, din il-Qorti tikkonkludi illi **it-tieni talba dedotta fir-rikors ġuramentat għandha tintlaqa',** u dan kemm ai termini tal-Artikolu 170(1) tal-Kap 12, kif ukoll għaliex tirriżulta pruvata u mhux kontestata mill-konvenuti kif debitament notifikati;

15. **Konsegwentement għandha titlaqa' wkoll it-tielet talba tar-rikorrenti;**

16. F'dak illi jirrigwarda r-**raba' talba** tar-rikorrenti għall-ħlas tal-imgħaxijiet legali, il-Qorti tinnota illi l-Artikolu 1141 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta jistabbilixxi illi:

> *(1) Jekk l-obbligazzjoni tkun ta' xorta kummerċjali jew jekk il-liġi tkun tiddisponi li l-imgħaxijiet għandhom jibdew jgħaddu ipso jure, l-imgħaxijiet għandhom igħaddu minn dak in-nhar li l-obbligazzjoni kellha tiġi esegwita.*

*(2) F’kull każ ieħor, l-imgħaxijiet għandhom jgħaddu minn dak in-nhar illi ssir sejħa għall-ħlas b’att ġudizzjarju, għalkemm fil-ftehim ikun ġie stabbilit żmien għall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni.*

17. Il-każ odjern si tratta dwar hlas ta’ somma li ma ġietx rifuża lir-rikorrenti, u cioe dejn illi jinkwadra ruħu fis-sub-inċiż (2) suċitat. Il-Qorti tinnota illi, minn dak sostnut mir-rikorrenti fir-rikors ġuramentat tagħha, kif ukoll minn **Dok C sa E** u **Dok G sa I**, hija kienet intavolat żewġ ittri uffiċjali qabel intavolat il-kawża odjerna, b’liema ittri uffiċjali l-konvenuti kienu ġew definittivament notifikati bil-proċedura t’affissjoni u pubblikazzjoni nhar l-għaxra (10) ta’ Novembru 2021. Konsegwentement, din il-Qorti sejra tordna illi l-imgħax legali għandu jibda jiddekorri mid-data tan-notifika tal-ittri ġudizzjarji illi ppreċedew l-intavolar tal-kawża odjerna, u cioe mill-għaxra (10) ta’ Novembru 2021, sad-data tal-effettiv pagament.

**Decide**

18. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta’ u tiddeċiedi billi:

(i) **<u>Tiddikjara</u>** illi l-ewwel talba ġiet sorvolata,

(ii) **<u>Tilqa’</u>** t-tieni talba attriċi u tiddikjara li l-konvenuti Emanuel Baldacchino & Co. Limited u Emanuel Baldacchino huma debituri *in solidum* tar-rikorrenti fis-somma ta` ħamsa u sittin elf, tliet mija u wieħed u disgħin Ewro u tmenin ċenteżmu (€65,391.80) rappreżentanti ħlas dovut skont iż-żewġ kuntratti ta’ kostituzzjoni ta’ debitu insinwati bin-numri 19660/2020 u 19661/2021 u datati l-ewwel (1) t’Ottubru 2020 rispettivament;

(iii) **<u>Tilqa’</u>** t-tielet talba attriċi, u tikkundanna lill-intimati Emanuel Baldacchino & Co. Limited u Emanuel Baldacchino *in solidum*

bejniethom iħallsu s-somma ta' ħamsa u sittin elf, tliet mija u wieħed u disgħin Ewro u tmenin ċenteżmu (€65,391.80);

(iv) **Tilqa'** r-raba' talba attriċi u tordna lill-intimati Emanuel Baldacchino & Co. Limited u Emanuel Baldacchino jħallsu wkoll *in solidum* bejniethom:

a. l-imgħaxijiet bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) dekorribbli mill-għaxra (10) ta' Novembru 2021 sad-data tal-pagament effettiv; u

b. L-ispejjeż ta' din il-kawża, inklużi dawk legali u ġudizzjarji, kif ukoll l-ispejjeż tal-ittra ġudizzjarja numru 2341/2021 fl-ammont ta' €262.30, u tal-ittra ġudizzjarja 2342/2021 fl-ammont ta' €262.30.

**Moqrija.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Dr Graziella Attard**
**Deputat Reġistratur**